**27 ta' April, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Portelli

*versus*

Roger Portelli u John Portelli f'isimhom proprju u bħala Diretturi u in rappresentanza tas-soċjetà *Restaurants & Hotels Caterers Company Limited*

**Soċjetà Kummerċjali – Xoljiment – Azzjoni għal Xoljiment – Interess Ġuridiku**

*L-attur fittex għal xoljiment ta' soċjetà kummerċjali u nomina ta' stralċjarju. Ingħatat eċċezzjoni ta' rritwalità ta' l-azzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ċaħdet din l-eċċezzjoni. Il-liġi ma tagħmel ebda restrizzjoni dwar kontra minn azzjoni bħal dik preżenti tista' tiġi eżerċitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni ta' liġi li espressament tistabbilixxi li azzjoni ta' xoljiment ta' soċjetà għandha tiġi eżerċitata biss kontra d-diretturi in rappresentanza tas-soċjetà li tagħha tkun qed tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-liġi li tgħid li l-azzjoni għal xoljiment ta' soċjetà ma tistax tiġi eżerċitata kontra s-soċji minbarra kontra d-diretturi in rappresentanza tas-soċjetà. Japplika għalhekk il-prinċipju ġenerali li kull persuna li għandha interess tista' tavanza talba simili. Azzjonista jista' jkollu interess u dan l-interess ma jiġix nieqes għaliex l-azzjonista huwa fl-istess ħin wieħed mid-diretturi tas-soċjetà.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Kummerċjali li biha l-attur ippremetta li l-konvenuti u huwa huma l-azzjonisti u d-Diretturi tas-soċjetà *"Restaurants & Hotels Caterers Company Limited"*, u li l-attur isostni li hemm raġunijiet gravi biżżejjed għax-xoljiment tas-soċjetà, u talab li dik il-Qorti:

1) tiddikjara li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment ta' l-imsemmija soċjetà *"Restaurants & Hotels Caterers Company Limited"*;

2) ixxolji konsegwentement l-imsemmija soċjetà, u

3) tinnomina stralċjarju skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni, fost oħrajn, li l-azzjoni attriċi hija rritwali billi kif jidher mill-istess ċitazzjoni l-attur tant mhux ċert kif kellu jipproponi l-azzjoni, illi biex jissalvagwarda ruħu ħarrek lill-konvenuti kemm personalment kif ukoll għan-nom tas-soċjetà – proċedura li hija inammissibbli peress li l-eċċipjenti jew huma responsabbli personalment jew *nomine*, iżda mhux fiż-żewġ vesti;

Rat is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1984 mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Kummerċjali li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-azzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u dana wara li kkunsidrat illi:

1. Il-konvenuti jsostnu l-irritwalità ta' l-azzjoni a bażi ta' l-allegazzjoni tagħhom li huma "jew huma responsabbli personalment jew *nomine*, iżda mhux fiż-żewġ vesti". L-attur fiċ-ċitazzjoni ppremetta li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà, u fid-dikjarazzjoni tiegħu jindika dawn ir-raġunijiet konsistenti f'nuqqasijiet tal-konvenuti u f'irregolaritajiet fl-aġir tagħhom. B'danakollu l-attur mhux jitlob li xi ħadd mill-konvenuti (jew ħaddieħor) jiġi ddikjarat responsabbli ta' xi rregolarità. It-talba hija għax-xoljiment tas-soċjetà għal raġunijiet gravi, irrispettivament ta' min hi r-responsabbilità ta' dawk l-allegati raġunijiet konduċenti għal dak ix-xoljiment;

2. Fix-xoljiment tas-soċjetà indubjament għandhom interess is-soċjetà nnifisha kif ukoll kull wieħed mill-azzjonisti. Il-leġittimu kontradittur f'azzjoni għal xoljiment simili għandhom ikunu s-soċjetà u dawk l-azzjonisti li ma jkunux l-

atturi. Fil-każ odjern irriżulta li l-attur huwa wieħed mit-tliet membri tas-soċjetà in kwistjoni u l-konvenuti t-tnejn l-oħrajn. Il-konvenuti huma diretturi tas-soċjetà u għandhom jirrappreżentawha fi *proċeduri ġudizzjarji*. Għalhekk l-attur jidher li pproċeda korrettament kontra l-konvenuti fil-kwalitajiet tagħhom kif ġew ċitati. Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' interess ġuridiku f'xi wieħed *mill-konvenuti* talvolta jwassal għal-liberazzjoni ta' dak il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju iżda ma jġibx l-irritwalità ta' l-azzjoni;

3. *Fin-nota tagħhom* ta' l-osservazzjonijiet il-konvenuti ssottomettew li huwa kontradittorju li l-attur jipproċedi bl-azzjoni odjerna fil-waqt li għadu, kif isostni hu, direttur tas-soċjetà. Issuġġerew *li l-*attur *kien ikun iktar* loġiku u konformi miegħu nnifsu kieku qabel ma talab ix-xoljiment tas-soċjetà, irriżenja minn direttur. Ma jidhirx però li tali illoġiċità jekk inhi hekk, da parti ta' l-attur talvolta tirrendi *l*-azzjoni rritwali. Il-liġi ma tippreklud*ix direttur* ta' soċjetà milli jiddomanda x-xoljiment ta' dik is-soċjetà;

Rat in-nota ta' *l-appell tal*-konvenuti ppreżentata fl-20 ta' Jannar, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' *l*-appel*l tal*-konvenuti Roger Portelli u *John Portelli proprio et nomine* ppreżentata fis-6 ta' Frar, 1984 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talbu li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer *ta' Għawdex u Kemuna fil-*Kompetenza Superjuri bħala Qorti Kummerċjali fit-13 ta' Jannar, 1984 fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi tiġi rrevokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-konvenuti u miċħuda t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur Joseph Portelli pprezentata fl-20 ta' Frar, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin jissottomettu li *stante* li hija s-soċjetà li qiegħda tiġi xolta kif rappresentata mid-diretturi, allura kellha tkun hija biss li għandha tiġi ċċitata u mhux is-singoli membri. L-appellanti qegħdin ukoll jissottomettu li peress li l-attur odjern f'kawża oħra (Ċit. Nru. 87/82) qed jippretendi li għadu direttur tas-soċjetà in kwistjoni, għalhekk teżisti l-kontradizzjoni illi min-naħa il-waħda huwa *qua* soċju jrid ixolji s-soċjetà minħabba rregolaritajiet pretiżi minnu u min-naħa l-oħra *qua* direttur għandu l-obbligu li jiddefendi s-soċjetà kontra l-allegazzjonijiet ta' rregolarità;

Ikkunsidrat:

Fil-kawża preżenti l-attur appellat f'ismu proprju u għalhekk bħala azzjonista qiegħed jitlob ix-xoljiment tas-soċjetà msemmija fiċ-ċitazzjoni billi qed jippretendi li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tagħha. Din it-talba qiegħda ssir a bażi ta' l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar Soċjetajiet Kummerċjali li jiddisponi li "kumpanija xxolji.....(g) jekk fil-fehma tal-Qorti jkun hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment";

L-imsemmija disposizzjoni tal-liġi ma tindikax min għandu

d-dritt li jressaq it-talba għax-xoljiment tal-kumpanija quddiem il-Qorti minħabba raġunijiet gravi u ma hemm fil-liġi l-ebda limitazzjoni dwar min għandu dritt li jagħmel talba simili. Japplika għalhekk il-prinċipju ġenerali li kull persuna li għandha interess tista' tavanza talba simili;

Issa huwa evidenti li azzjonista bħal ma huwa l-attur appellat jista' jkollu dan l-interess u dan l-interess ma jiġix nieqes għaliex l-azzjonista huwa fl-istess ħin wieħed mid-diretturi tas-soċjetà;

Ikkunsidrat:

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti ta' l-appellanti li huma setgħu jiġu mħarrkin bħala diretturi in rappresentanza tas-soċjetà. Infatti fil-petizzjoni ta' l-appell tagħhom huma qegħdin jissottomettu għar-raġuni fuq imsemmija li kellha tkun biss is-soċjetà kif rappresentata mid-diretturi li tiġi mħarrka. Dak li qegħdin jikkontestaw l-appellanti huwa li huma ġew imħarrka wkoll f'isimhom proprju;

Anke hawn il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellanti. Il-liġi ma tagħmel l-ebda restrizzjoni dwar kontra min azzjoni bħal dik preżenti tista' tiġi eżerċitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-liġi li espressament tistabbilixxi li azzjoni għax-xoljiment ta' soċjetà għandha tiġi eżerċitata biss kontra d-diretturi in rappresentanza tas-soċjetà li tagħha tkun qed tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-azzjoni għal xoljiment ta' soċjetà ma tistax tiġi wkoll eżerċitata kontra s-soċji minbarra kontra d-diretturi in rappresentanza tas-soċjetà;

Jista' jiżdied li għalkemm l-azzjoni preżenti għandha bħala skop tagħha x-xoljiment ta' soċjetà (u din hija, kif ġà ngħad,

rappresentata mill-konvenuti *qua* diretturi) ma jistax jingħad li l-konvenuti f'isimhom proprju bħala azzjonisti m'għandhomx interess fl-eżitu tal-kawża odjerna li proprju tolqot l-eżistenza o meno ta' soċjetà li fiha għandhom interess bħala soċji. Huwa sintomatiku li l-konvenuti f'isimhom proprju qatt ma allegaw li m'għandhomx interess fl-azzjoni odjerna, liema nuqqas ta' interess, kieku kien hemm dan in-nuqqas, kien iwassal għal-liberazzjoni tagħhom mill-osservazzjoni tal-ġudizzju f'isimhom proprju, *iżda mhux għall*-irritwalità *ta' l*-azzjoni u għaċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, kif qegħdin jippretendu l-appellanti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.